

Lista ta' Kontroll tal-Ippjanar

Din il-lista ta' kontroll tiggwidak dwar kif tisma' lit-tfal u liż-żgħażaġh u tinvolvihom fit-teħid tad-deċiżjonijiet meta tkun qed tiżviluppa politiki, pjanijiet, servizzi, programmi, governanza, riċerka u leġislazzjoni fil-livell nazzjonali, lokali u organizzazzjonali.

Għandek tinforma lit-tfal u liż-żgħażaġh li għandhom id-dritt għal vuċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet u li l-fehmiet tagħhom se toħodhom bis-serjetà.

SPAZJU

- Kif se tiżgura li t-tfal u ż-żgħażaġh ikunu involuti kmieni kemm jista' jkun?
- Kif se jinżamm l-involviment tagħhom?
- Kif se jkunu involuti dawk li kienu, jew li jistgħu jkunu, milquta direttament mis-suġġett?
- X'passi se jittieħdu biex jiġi żgurat li l-proċess ikun inklużiv u aċċessibbli?
- X'appoġġ se jingħataw biex iħossuhom sikuri u komdi jesprimu ruħhom?
- X'appoġġ se jingħataw lil dawk li jsiru anzjużi, imdejġin jew skomdi?

VUĊI

- Għamilt lista ċara tas-suġġetti li tixtieq tisma' l-fehmiet tat-tfal u taż-żgħażaġh fuqhom?
- Kif se tiżgura li l-enfasi ewlenija tal-proċess jibqa' fuq is-suġġetti li identifika?
- Kif se jkunu jafu li l-parteċipazzjoni hija volontarja u li jistgħu jieqfu xħin iridu?
- X'appoġġ se tagħtihom biex jagħtu l-fehmiet tagħhom stess, filwaqt li tinkludi informazzjoni aċċessibbli u xierqa għall-età tagħhom?
- Kif se tiżgura li jingħataw firxa ta' modi differenti kif jistgħu jesprimu ruħhom biex isibu l-mod l-aktar adattat għall-ħtiġijiet u l-għażliet tagħhom?
- Il-proċess kif se jħallihom jidentifikaw is-suġġetti li jixtiequ jiddiskutu?

INFLUENZA

- It-tfal u ż-żgħażaġh kif se jiġu infurmati dwar il-kamp ta' applikazzjoni li għandhom (inklużi l-limitazzjonijiet) biex jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet?
- Kif se jingħataw feedback adattat għall-età u aċċessibbli f'punti ewlenin matul l-iżvilupp ta' servizz jew politika?
- X'inhuma l-pjanijiet tiegħek biex tiżgura li l-fehmiet tat-tfal u taż-żgħażaġh ikollhom impatt fuq id-deċiżjonijiet?
- Kif se jingħataw feedback aċċessibbli u adattat għall-età tagħhom li jispjega kif intużaw il-fehmiet tagħhom u r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet li ttieħdu, fi żmien xieraq?
- Kif se tiżgura li jingħataw opportunitajiet biex jevalwaw il-proċess kollu?

UDJENZA

- It-tfal u ż-żgħażaġh kif se jkunu jafu lil min, kif u meta se jiġu kkomunikati l-fehmiet tagħhom?
- Kif se turi l-impenn tiegħek li tkun infurmat u influwenzat mill-fehmiet tagħhom?
- Kif se tidentifika u tinvolvi lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti (dawk responsabbli biex jinfluwenzaw il-bidla)?
- Kif u meta se jiġu kkompilati rapport/rekord u sommarju tal-fehmiet tagħhom adattat għat-tfal jew għaż-żgħażaġh?
- Kif se tiżgura li jingħataw l-opportunità li jikkonfermaw li l-fehmiet tagħhom ġew irreġistrati b'mod preċiż?
- Xi pjanijiet hemm fis-seħħ biex jingħataw appoġġ ħalli jkollhom rwol fil-komunikazzjoni tal-fehmiet tagħhom stess?